QORTI KRIMINALI

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D, Ph.D.**

**Att t'Akkuza nru: 40/2022**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Daniele Vitale**

**Illum, id-29 ta' Mejju, 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra **Daniele Vitale** iben Michele Vitale u Tarquinia xebba Sanacuore, imwieled Partenino, Palermo ġewwa Sqallija fl-erbgħa (04) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995) u residenti ġewwa 92, Flat 5, Ruby Flats, Triq Il-Lampuka, San Pawl il-Baħar, detentur tal-karta tal-identita` Taljana nru. AX9961267, li l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jgħid:

**L-Uniku Kap:**

Illi nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) għal ħabta tas-sitta nieqes kwart ta' filgħodu (05:45) persuna ta' nazzjonalita' Taljana ta' sess maskili rrikorriet fl-Għassa ta' San Ġiljan titlob għall-għajnuna tgħajjat Help help, autatemi, autatemi. Illi dan ir-raġel baqa' barra fuq l-għatba tal-bieb tal-għassa tant li

l-Pulizija kellha tirrikorri barra biex tkellmu. Illi meta l-Pulizija ħarġu barra u rawh mimli demm ċemplu mill-ewwel l-isptar Mater Dei għall-assistenza medika. Illi kienu evidenti fuq dan ir-raġel diversi daqqiet b'xi strument li jaqta u bil-ponta fosthom waħda tant kbira fuq l-istonku li kien jidher l-intern jispunta l-barra.

Illi sakemm waslet l-ambulanza l-pulizija ppruvat tieħu kemm tista' informazzjoni mingħand din il-persuna sabiex tissokta bl-investigazzjoni tagħha sakemm tiġi rikoverata l-isptar. Illi għalkemm viżibilment muġugħ ir-raġel stqarr mal-pulizija li huwa ġie attakat b'sikkina ġewwa l-post fejn jirrisjedi minn persuna oħra maskili li tirrisjedi fl-istess post miegħu. Illi r-raġel stqarr ukoll li l-persuna li attakkatu kien jismu Daniele Vitale, minn issa l-quddiem jissejjaħ ukoll l-akkużat. Illi minn aktar stħarriġ irriżulta li l-allegat vittma kien jismu Mirko Basile. Illi l-fond mertu dan il-każ irriżulta li kien sitwat fi blokka ta' appartamenti, innummerata 56, senjatament l-appartament numru 5, fi Triq Forrest, San Giljan.

Illi malli l-allegat vittma wasal l-emerġenza tal-Isptar Mater Dei kien jinsab f'qagħda kritika tant li ġie ċċertifikat li kien fil-perikolu tal-mewt. Illi sadanittant il-Pulizija ta' San Ġiljan irrikorriet fl-imsemmi fond fejn mal-wasla tagħhom ġie nnutat ħafna tiċpis ħamrani, issuspettat demm, kemm fil-komun kif ukoll fil-parti ta' quddiem tal-kuritur, ġewwa l-imsemmi fond numru 5, li jagħti għaż-żewġt ikmamar ta' quddiem, f'liema kmamar, kien evidenti li seħħ xi ħaġa, peress li kien hemm ħafna taqlib, b'ħafna mill-affarijiet fosthom is-set tat-televiżjoni kif ukoll l-playstation mitfugħa fl-art. Illi mal-art fil-kuritur kien hemm ukoll ħadida tal-mgħodija bil-bord tagħha maqluba rasha l-isfel ħdejn il-mejda tal-ikel. Illi fuq l-imsemmija mejda kien hemm żewġt is-skieken, b'waħda minnhom mimlija b'tiċpis ħamrani, issuspettat demm. Illi minn testijiet li saru mis-Seroloġista maħtura fl-Inkjesta minn fuq il-kampjuni li ttieħdu minn fuq il-manku kif ukoll mix-xafra ta' din is-sikkina ġie żviluppat profil wieħed li qabel mal-profil ġenetiku tal-allegat vittma Mirco Basile.

Illi bħala parti mill-investigazzjoni l-Pulizija tkellmet ma diversi persuni, fosthom dawk li kienu jgħixu fil-fond numru 5 mal-allegat vittma u l-akkużat rispettivament,

kif ukoll mal-persuna li kienet toqgħod biswit l-appartament tagħhom. Illi l-Pulizija tkellmet ukoll ma tfajla ħabiba tal-akkużat, li waslet fuq il-post propju ftit tal-ħin wara li Mirko Basile safa attakkat mill-akkużat, fejn malli waslet quddiem il-blokka tfaċċa barra l-allegat vittma li qalla li kien attakah l-akkużat b'sikkina u ftit tal-mumenti wara deher ukoll l-akkużat bit-tnejn li huma jieħdu direzzjoni opposta. Illi l-Pulizija rnexxilha wkoll tiġbor is-CCTVs mill-akwati biex jiġu analizzati, bl-għajnuna u l-assistenza tal-espert tekniku li ġie maħtur fl-Inkjesta relattiva, għal aktar evidenza. Illi madwar xi sitt (6) sigħat wara li l-pulizija bdiet tinvestiga l-każ odjern l-għassa ta' San Ġiljan ġiet infurmata li ċertu Daniele Vitale kien ta' ruħu b'idejh fl-għassa tal-belt Valletta.

Illi wara li l-allegat vittma ġie operat darbtejn, kemm għal ġrieħi subiti fil-kavita tal-istonku kif ukoll fil-pali u l-polz ta' idejh  u fortunatament qaleb għall-aħjar, ġie mitkellem mill-Pulizija fejn stqarr li kien ilu Malta madwar sitt (6) xhur, b'dana li ma kienx jgħix kontinwament hawnhekk iżda li f'dak il-perjodu kien qatta aktar żmien f'Malta. Illi l-allegat vittma kkonferma li kien għadu kif wasal Malta nhar il-lejl tal-akkadut fejn kollox seħħ mal-lejl waqt li l-allegat vittma kien allegatament rieqed fil-kamra tiegħu. Illi l-allegat vittma spjega kif f'dak il-lejl l-akkużat tkellem miegħu diversi drabi, bil-vittma jgħidlu biex ma jibqgħax idejqu u jħallih bi kwietu jistrieħ. Illi aktar tard reġa' sema' il-qanpiena iżda ddeċieda li jibqa' fis-sodda u ftit tal-ħin wara ħass il-bieb tal-kamra jinfetaħ u ra dawl ta' mobile riesaq lejh u kien hawnhekk li l-akkużat allegatament tah l-ewwel daqqa ta' sikkina peress li l-allegat vittma ma għenux biex jirranġa mat-tfajla tiegħu. Illi malli ħass id-daqqa l-vittma ħareġ dritt il-barra mill-kamra tas-sodda u pprova jiddefendi ruħu bil-bord tal-mogħdija fil-kamra ta' barra bl-akkużat jibqa' jattakkah u jtih bis-sikkina. Illi l-allegat vittma rnexxilu jitfa lill-akkużat fl-art u jaħrab minn fuq il-post fejn, kif appena aċċennat, l-ewwel persuna li sab quddiem wiċċu kienet l-ħabiba tal-akkużat.

Illi mill-eżami mediko-legali tat-tabib espert ġie konkluż li l-allegat vittma Mirco Basile ġie operat peress li kellu leżjonijiet penetranti u ġie sottomess għall-explorative laparotomy fejn instab li kellu penetrazzjoni fil-fwied u fid-diaphragm. Illi l-

imsemmija leżjonijiet ġew deskritti bħala gravi għar-raġuni tal-penetrazzjoni fl-abdominal cavity. Illi rriżulta li kellu wkoll daqqiet fondi ta' sikkina fuq il-pala u l-polz ta' idejh tant li kellu bżonn intervent ieħor fl-għeruq.

Illi b'għemilu Daniele Vitale sar ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u cioe' talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Mirco Basile) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, meta ta diversi daqqiet ta' sikkina fl-istonku u fid-direzzjoni ta' Mirco Basile, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volonta' tiegħu u dana peress li l-vittma rnexxilu jaħrab minn fuq il-post kif ukoll sforz l-intervent mediku f'waqtu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-Daniele Vitale ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u cioe' talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volonta' tiegħu; jitlob li jintgħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux aktar minn erbgħin (40) sena priġunerija, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 15A, 17, 31(1)(a)(b), 41(1)(a), 211(1)(2) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi Daniela Vitale.

Rat il-verdett tal-gurija tad-29 ta' Mejju, 2025 fejn fil-konfront tal-akkuzat Daniele Vitale:

1. Fir-rigward tal-ewwel u l-uniku kap tal-att t'akkuza il-gurati b' 6 voti favur u 3 voti kontra, sabu lill-akkuzat Daniele Vitale mhux hati ghall-akkuza migjuba kontrih fil-Kap tal-Att tal-Akkuza, b'dana illi huwa **HATI** talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, permezz ta' strument li jaqta jew inigge, ikkaġuna ferita ta' natura gravi billi l-ferita dahlet f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem jew gabet sfregju gravi fil-wicc, fil-ghonq jew

f'wahda mill-idejn, b'dana illi huwa skuzabbli ghaliex huwa agixxa minnhabba l-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu nnifsu jew ta' haddiehor, izda hareg mill-limiti mposti mill-ligi, jew mill-awtorita' jew mill-bzonn.

Tiddikjara ghalhekk lil Daniele Vitale:

Mhux hati ghall-akkuza migjuba kontrih fil-Kap tal-Att tal-Akkuza, b'dana illi huwa **HATI** talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, permezz ta' strument li jaqta jew iniggeż, ikkaġuna ferita ta' natura gravi billi l-ferita dahlet f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem jew gabet sfregju gravi fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn, b'dana illi huwa skuzabbli ghaliex huwa agixxa minnhabba l-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu nnifsu jew ta' haddiehor, izda hareg mill-limiti mposti mill-ligi, jew mill-awtorita' jew mill-bzonn.

Semghet il-partijiet jaghmlu s-sottomisjonijiet taghhom.

Rat il-fedina penali aggornata tal-akkuzat Daniele Vitale li hija netta.

kkunsidrat,

Illi ssir referenza ghall-iskuzanti msemmija fl-Artikolu 227(d) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi s-segwenti:

> *'jekk isir minn persuna illi, fil-waqt li tkun taġixxi taħt iċ-ċirkostanzi msemmijin fl-artikolu 223, toħroġ barra mil-limiti imposti mil-liġi jew mill-awtorità, jew mill-bżonn'*

Illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 230(d) tal-Kodici Kriminali u l-iskuzanti pprovdut fl-Artikolu 227(d) japplika wkoll ghall-feriti ta' natura gravi.

Illi skont l-Artikolu 233(1) tal-Kodici Kriminali jinghad li fil-kaz t'offiza gravi l-piena ta' prigunerija ta' **<u>mhux aktar minn terz tal-piena</u>** stabbilita ghad-delitt minghajr skuza.

Illi skont l-Artikolu 216(b) u (c) tal-Kodici Kriminali l-piena applikabbli hija dik minn **<u>sena sa seba' snin.</u>**

Illi skont l-Artikolu 217 tal-Kodici Kriminali, l-offiza gravi hija punibbli bi prigunerija minn **<u>sentejn sa ghaxar snin</u>** jekk tigi maghmula b'arma regolari inkella b' instrument li jaqta' jew inigezz.

Illi ghalhekk il-piena applikabbli ta'dan il-kaz hija bejn **<u>tmien xhur u erbghin xahar</u>**. Illi l-Avukat Generali ghamel referenza ghall-fatt illi l-feriti subiti mill-vittma Mirko Basile kienu hafna u cioe' sittax-il daqqa' u li ghalkemm kien hemm numru ta'feriti li kienu ta' natura hafifa kien hemm ukoll fosthom feriti ta' natura gravi.

Min-naha l-ohra l-Avukat difensur sostna illi din il-Qorti tista' tapplika piena sospiza u dan ghaliex l-imputat ghandu fedina penali netta u l-vot tal-gurati kien wiehed *de minimis* u effettivament il-gurati laqghu d-difiza tal-legittima difesa, ghalkemm din kienet fl-eccess taghha.

Għalhekk din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b), 214, 215, 216(b)(c), 217, 227(d), 230(d), 233(1) u 533 tal-Kodiċi Kriminali qeghda tiddikjara lill-akkuzat mhux hati ghall-akkuza migjuba kontrih fil-Kap tal-Att tal-Akkuza, b'dana illi huwa **HATI** talli mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, permezz ta' strument li jaqta jew iniggeż, ikkaġuna ferita ta' natura gravi billi l-ferita dahlet f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem jew gabet sfregju gravi fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn, b'dana illi huwa skuzabbli ghaliex huwa agixxa minnhabba l-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu nnifsu jew ta' haddiehor, izda hareg mill-limiti mposti mill-ligi, jew mill-awtorita' jew mill-bzonn u ghalhekk qeghda tikkundannah il-piena ta' sentejn prigunerija effettivi.

Illi din il-Qorti a bazi tal-verdett moghti mill-gurija din il-Qorti ghandha takkolji t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikundanna lill-akkuzat ihallas l-ispejjez tal-periti/esperti nominati f'dawn il-proceduri.

Illi l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali qed tikkundanna lill-hati Daniele Vitale jhallas is-somma ta' €18, 232.06 import ta' l-ispejjez tal-perizji li huma mqassma hekk:

Dr Martin Bajjada - €708.12 (Dok MB fol. 94-117);
Dr Martin Bajjada - €436.26 (Dok MBX fol. 521-525);
Dr Marisa Cassar - €14,549.40 (Dok MC, fol. 447-469) u €318.60 (Dok MCY, fol. 576-592);
Dr Mario Scerri - €843.30 (Dok MS fol. 294-343);
WPC 363 Caroline Meilak u PC 302 Bryan Alken - €754.15 (fol. 180-283);
PC 169 Jurgen Schembri - €199.23 (Dok JS fol. 431-441);
Joseph Mallia - €420.00 (Dok JB fol. 487-493)

Tordna li l-ispejjez appena citati jithallsu fi zmien sena mil-lum u jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati.

Tordna wkoll li kopja ta'din is-sentenza tigi notifikata lis-CEO tal-Agenzija tas-Servizzi tal-Qrati sabiex tiehu hsieb tigbor l-ispejjez kif imsemmija f'din is-sentenza.

Consuelo Scerri Herrera
Imhallef